# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 17 t'Ottubru tas-sena 2001.**

**Numru 21**

**Avviz numru 634/01/SM**

**U.C.I.M. Co. Ltd**

**vs**

**Paul Mckay u martu Anna Mckay**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u disghajn lira Maltija (LM590) rappresentanti import ta' disa' (9) kambjali, wahda ta' LM22 u l-ohrajn ta' LM71 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Ottubru 2000 sa Gunju 2001 rispettivament u mhux imhallsa, annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa 9 konsekuttiviament u inklusivament;**

**Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-28 ta' Mejju 2001 jammontaw ghal LM17, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-**

**15 ta' Marzu 2001 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota tas-socejta' attrici datata 12 ta' Ottubru tas-sena 2001 li permezz irriduciet it-talba fl-avviz ghall-LM174 bl-imghax mit-3 ta' Ottubru, 2001 u l-ispejjez tal-kawza;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma deherux, la fit-12 t'Ottubru tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif ridotta bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**